# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ħamis, 8 ta' Ġunju 2017**

**Ċitazzjoni Numru: 134/1999 PC**

**Eugenia mart Carmelo Buttigieg;**
**u l-istess Carmelo Buttigieg, tant f'ismu**
**proprju għal kull interess li jista' jkollu kif**
**ukoll bħala mandatarju ta' l-imsiefra Filomena**
**sive Phillis mart Sammy Buttigieg**

**vs**

**Joseph Xuereb;**
**Maria mart Joseph Borg;**
**Loreta mart Ganni Azzopardi;**
**David Xuereb;**
**Nazzareno Xuereb u**
**Dr. Aaron Attard Hili li b'digriet**
**tat-22 ta' Settembru 1999 ġie nominat**
**kuratur deputat sabiex jirrappreżenta**
**lill-imsiefer Stiefnu Xuereb, u b'digriet**
**tas-6 ta' Mejju 2005 Dr. Aaron Attard Hili**
**ġie sostitwit b'Dr. Mario Scerri**

***sentenza in parte***

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi Lorenzo Xuereb, ġia iben Rosario u Rose nee' Galea, miet f'Victoria, Għawdex, fis-sitta (6) ta' Lulju elf disa mijasebgħa u tmenin (1987); mentri Carmela Xuereb, ġia armla ta' l-imsemmi Lorenzo Xuereb bint Loreto Azzopardi u Filomena nee' Cascun, mietet f'Għajnsielem, Għawdex, fid-dsatax (19) ta' Frar elf disa' mija disgħa u disgħin (1999);

Illi lil dawn issopravivewhom it-tmien uliedhom, ċjoe' l-kontendenti kollha;

Illi l-konjuġi Xuereb irregolaw is-suċċessjoni tagħhom bis-saħħa ta' żewġ testmenti unika karta l-ewwel wieħed riċevut min-Nutar Dottor Giuseppi Cauchi fil-ħmistax (15) ta' Novembru elf disa' mija u wieħed u sebgħin (1971), u l-ieħor min-Nutar Michael Refalo fit-tnejn (2) ta' Ġunju elf disa' mija sebgħa u tmenin (1987); mentri in segwitu għall-mewt ta' żewġha Carmela Xuereb irredeġiet testment ieħor fl-atti tal-istess Nutar Michael Refalo fl-erbatax (14) ta' Mejju elf disa' mija wieħed u disgħin (1991);

Illi skont dawn it-testmenti Lorenzo Xuereb ħalla b'titolu ta' prelegat lil bintu Filomena sehemu mid-dar 'Xuereb House', Garden Street, Għajnsielem, bl-oġġetti mobbli a limine intus; metnri sehemha mill-istess dar, Carmela Xuereb ħallietu wkoll b'titolu ta' prelegat lil Eugenia Buttigieg;

Illi inoltre Lorenzo Xuereb ħalla b'titolu ta' prelegat lit-tlett uliedu David, Eugenia u Stephen fi kwoti ugwali bejniethom id-dar qadima numru wieħed u erbgħin (41) Garden Street, Għajnsielem, u l-biċċa art f'Garden Street, Għajnsielem, tal-kejl ta' ċirka tlett mija u ħamsa u tmenin metri kwadri (385m.k.) mentri sehemha mill-istess immobbli, Carmela Xuereb ħallietu wkoll b'titolu ta' prelegat lit-tlett wliedha Filomena, David u Stephen;

Illi effettivament il-prelegatarji kollha ġia jinsabu fil-pussess tal-immobbli prelegat lilhom, iżda sal-lum qatt ma sar kuntratt formali ta' immissjoni fil-pussess;

Illi mbagħad, it-testaturi nnominaw eredi universali tagħhom fi kwoti ugwali bejniethom lit-tmien uliedhom, il-kontendenti;

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar John Busuttil tal-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu elf disa' mija ħamsa u sittin (1965), il-ġenituri konjuġi Xuereb kien assenjaw b'titolu ta' donazzjoni *propter nuptias* (dota) lil binthom Loreta Azzopardi sit fabbrikabbli magħruf bħala 'Ta' Għajnsielem', fi Triq Giardina, Għajnsielem, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka siegħ u sebgħa kejliet, tmiss tramuntana mat-triq, punent ma beni ta' l-istess Lorenzo

Xuereb u nofsinhar ma beni ta' Michaelangelo Zerafa, fuq liema art illum hemm mibnija d-dar ;Lorjon', Triq il-Gnien, Għajnsielem;

Illi l-istess Loreta Azzopardi ma ġietx eżentata mill-kollazzjoni ta' l-immobbli donat lilha, u kif jidher mill-atti tal-kawża 'Joseph Xuereb et vs Eugenia Buttigeg et', Ċitaz. Nru. 87/1999, pendenti quddiem din l-istess Onorabbli Qorti hija aċċettat il-wirt tal-ġenituri tagħha, b'mod illi issa ddekadiet mill-fakolta' illi tirrinunzja għal dan il-wirt u żżomm biss dan l-immobbli; bil-konsegwenza illi dan l-immobbli għandu jiġi kollazzjonat fid-diviżjoni tal-assi tal-ġenituri tal-kontendenti.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tillikwida l-beni ġia formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Lorenzo u Carmela Xuereb billi tiddikajra illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, inkluż il-kollazzoni illi għandha ssir minn Loreta Azzopardi ta' l-immobbli donat lilha bis-saħħa tal-kuntratt John Busuttil fuq ċitat;

2. Tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi partikolari ta' Lorenzo Xuereb u lill-assi partikolari ta' Carmela Xuereb;

3. Tillikwida l-beni partikolari ta' Lorenzo Xuereb billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq ingħad, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati ordnat minn Lorenzo Xuereb kif fuq indikat, għal kull bwon fini;

5. Tiddividi l-beni rimanenti fl-assi ereditarji ta' Lorenzo Xuereb fi tmien porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lil Eugenia Buttigieg, Filomena Buttigieg, Joseph Xuereb, Maria Borg, Loreta Azzopardi, Nazzareno Xuereb, Stephen Xuereb u David Xuereb;

6. Tillikwida l-beni partikolari ta' Caremla Xuereb billi tiddikjar illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq ingħad, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

7. Tordna l-issmissjoni fil-pussess tal-prelegati ordnat minn Carmela Xuereb kif fuq indikat, għal kull bwon fini;

8. Tiddividi l-beni rimanenti fl-assi ereditarji ta' Caremla Xuereb fi tmien porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lil Eugenia Buttieg, Filomena Buttigieg, Joseph Xuereb, Maria Borg, Loreta Azzopardi, Nazzareno Xuereb, Stephen Xuereb, u David Xuereb;

9. Taħtar Nutar pubbliku u tiffissa l-jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-opportun att ta' immissjoni fil-pussess u ta' diviżjoni tal-assi ereditarji hekk riżultanti; bl-intervent ta' kuraturi nominandi siabex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

10. Fin-nuqqas, f'każ illi jirriżulta illi l-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna l-liċitazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jiġi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq ingħad.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Carmelo Buttigieg.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut David Xuereb li eċċepixxa:

1. Illi huwa ma jopponix u qatt ma oppona d-diviżjoni mitluba mill-atturi, salv illi jiġu verifikati l-assi in diviżjoni u salv illi jiġu verifikati l-kwoti spettanti lil kull wieħed mill-kontendenti; u kwindi ma għandu jħallas ebda parti mill-ispejjeż ta' din il-kawża;

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Xuereb u Maria Borg li eċċepew:

1. Illi preliminarjament teżisti konfużjoni fit-talbiet stante illi hemm diversi talbiet illi huma ripetuti, b'mod illi ma hux ċar jekk id-diviżjoni li qed tintalab tikkonċernax biss il-wirt ta' Lorenzo Xuereb biss, jew il-wirt ta' Carmela Xuereb ukoll. Illi minħabba l-mod kif jidhru t-talbiet il-konvenuti eċċepjenti ser ikollhom jillimitaw ruħhom biss għad-diviżjoni tal-wirt ta' Lorenzo Xuereb, u fir-rigward tal-wirt ta' Carmela Xuereb qed minn issa jirriservaw illi jirregolaw rwiehom permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri l-quddiem skont il-każ,

kemm-il darba jirriżulta illi qed tintalab ukoll id-diviżjoni ta' l-eredita ta' Carmela Xuereb;

2. Illi mingħajr preġudizzju għal premess ma din il-kawża timxi ulterjorment, irid jiġi pruvat illi d-denunzji tas-suċċessjoni ta' dawk li tagħhom qed tintalab id-diviżjoni ġew debitament preżentati, u l-immobbli li tiegħu qed tintalab id-diviżjoni huwa debitament notat f'dawk id-denunzji;

3. Illi l-eċċipjenti ma jopponux għad-diviżjonijiet mitluba salv illi tiġi pruvata l-konsistenza ta' l-assi ereditarji u salvi l-eċċezzjonijiet mogħtija wara din;

4. Illi qabel ma din il-kawża timxi ulterjorment trid tiġi deċiża kawża oħra fl-ismijiet Joseph Xuereb et vs Eugenia Buttigieg et nomine (Ċitaz. Numru 87/1999) liema kawża l-eċċepjenti preżenti qed jagħmlu sabiex nofs indiviż ta' dar fi triq il-Ġiardina Għajnsielem, preċiżament magħrufa bħala Xuereb House, tinġieb fil-massa ereditarja, u qabel ma jiġi deċiż jekk dik il-propjeta' għandiex tinġab fil-massa ereditarja, jew oltre din il-kawża ma tistax tiġi deċiza;

5. Illi l-atturi u l-konvenuti l-oħra jridu qabel xejn jikkollezzjonaw l-oġġetti mobbli, inklużi dhebijiet u ħaġar prezzjuż, vetturi, għamara, kif ukoll flus illi huma rċevew b'donazzjoni minn għand il-ġenituri tagħhom;

6. Illi l-kawża fuq imsemmija mhux veru timplika illi l-eċċepjenti bil-fors aċċettaw il-wirt ta' Carmela Xuereb stante li dik tikkonċerna biss il-massa ereditarja ta' Lorenzo Xuereb;

7. Illi l-legat mħolli minn Lorenzo Xuereb lil Filomena Buttigieg ma jistax jiġi onorat, stante illi l-istess Filomena Buttigieg ma onoratx il-kondizzjonijiet u pattijiet imposti fuqha sabiex tieħu dan il-legat.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Joseph Xuereb.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenut Nazzareno Xuereb li eċċepixxa:

1. Illi huwa ma jopponix u qatt ma oppona d-diviżjoni mitluba mill-atturi, salv illi jiġu verifikati l-assi in diviżjoni u salv illi jiġu verifikati

l-kwoti spettanti lil kull wieħed mill-kontendenti; u kwindi ma għandu jħallas ebda parti mill-ispejjeż ta' din il-kawża;

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine l-Avukat Dottor Aaron Attard Hili nominat sabiex jirrapresenta lill-imsiefer Stiefnu Xuereb, li eċċepixxa:

1. Illi l-esponenti ma hux edott mill-fatti kif esposti fl-atti taċ-ċitazzjoni odjerna;

2. Illi l-esponenti kkomunika mal-qraba ta' l-imsiefer Stiefnu Xuereb pero' dawn irrifjutaw li jgħaddulu l-indirizz esteru ta' l-istess Stiefnu Xuereb;

3. Illi għaldaqstant l-esponenti jirriserva li jressaq l-eċċezzjonjiiet opportuni fi stadju opportun.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuta Loreta mart Ganni Azzopardi li eċċepiet:

1. Illi din iċ-ċitazzjoni hija nulla u dana peress illi l-istess m'hijiex kontro firmata mill-Maġistrat kif titlob il-liġi;

2. Illi mingħajr ebda preġudizzju għal premess, hija ma topponix ruħha għal likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi ereditarji ta' Lorenzo u Caremla Xuereb bil-kundizzjoni li qabel xejn jiġu vverifikati l-kwoti rispettivi tal-partijiet;

3. Illi pero' hija qatt ma tista' taqbel ma dak li hemm sottomess fil-paragrafu numru tmienja (8) tad-dikjarazzjoni akkompanjanti ċ-ċitazzjoni u dana peress illi fl-ewwel lok hija qatt ma kienet tat il-kunsens tagħha biex issir iċ-ċitazzoni fl-ismijiet "Joseph Xuereb et vs Eugenia Buttigieg et" (Ċitaz Numru 87/1999) u fil-fatt meta hija saret taf biċ-ċitazzjoni u bil-kontenut tagħha hija kienet pronta u ċediet l-istess kawża in kwantu jolqot l-interessi tagħha proprio u fit-tieni lok, anke kieku għal grazzja tal-argument wieħed kellu jammetti ili dak li

hemm indikat fid-dikjarazzjoni tal-atturi huwa korrett, b'daqshekk ma jfissirx illi l-esponenti rrinunzjat għal fakolta' illi żżomm l-immobbli lilha donat u tirrinunzja għal dan il-wirt;

4. Illi fir-realta' sal-lum, l-esponenti ma tafx x'inhu l-konsistenza tal-assi u għaldaqstant qiegħda tirriserva li tagħżel, fil-mement *(sic)* opportun, jekk iżżommx l-immobbli lilha donat u/jew tirrinunzjax għal wirt u dana meta tkun f'posizzjoni li tkun tista' tasal għad-deċiżjoni tagħha.

Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuta ikkonfermata bil-ġurament tagħha.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Maria mart Joseph Borg u ta' Loreta mart Ganni Azzopardi li biha eċċepew:

1. Il-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-artikolu 1823 tal-Kodici Civili.

Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti ikkonfermata bil-ġurament ta' Maria Borg.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Joseph Xuereb u Maria Borg (a fol. 120) li biha eċċepew:

1. Illi qabel ma din il-kawża timxi ulterjorment, irid jiġi pruvat illi d-denunzji tas-suċċessjoni ta' dawk li tagħhom qed tintalab id-diviżjoni ġew debitament preżentati, u l-immobbli li teigħu qed tintalab id-diviżjoni huwa debitament notat f'dawk id-denunzji;

2. Illi l-eċċipjenti ma jopponux għad-diviżjonijiet mitluba salv illi tiġi pruvata l-konsistenza ta' l-assi ereditarji u salvi l-eċċezzjonijiet mogħtija wara din;

3. Illi qabel ma din il-kawża timxi ulterjorment trid tiġi deċiża kawża oħra fl-ismijiet Joseph Xuereb et. vs Eugenia Buttigieg et nomine (Ċitaz numru 87/1999) liema kawża l-eċċipjenti preżenti qed jagħmlu sabiex nofs indiviż ta' dar fi Triq il-Giardina Għajnsielem, preċiżament magħrufa bħala Xuereb House, tinġieb fil-massa ereditarja, u qabel ma jiġi deċiż jekk din il-proprjeta' għandhiex tinġab fil-massa ereditarja, jew oltre l-kawża ma tistax tiġi deċiza;

4. Illi l-partijiet l-oħra jridu qabel xejn jikkollezzjonaw l-oġġetti mobbli, nklużi dhebijiet u ħaġar prezzjuż, vetturi, għamara, kif ukoll flus illi huma rċevew b'donazzjoni minn għand il-ġenituri tagħhom;

5. Illi barra minn hekk meta skont it-testmenti ta' l-imsemmija Carmela Xuereba l-partijiet huma nominati bħala eredi indaqs u ugwalment bejniethom il-partijiet li lilhom ġew preċipitati xi legali fosthom l-attriċi Eugenia Buttigieg u xi konvenuti oħra, iridu jħallsu l-ekwiprarazzjoni skont il-liġi biex tassew l-eredi jkunu ħadu indaqs u qasmu ugwalment bejniethom.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjir fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti ikkonfermata bil-ġurament ta' Joseph Xuereb.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta Loreta Azzopardi li biha eċċcepiet il-preskrizzjoni a bażi tal-artikolu 845 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuta ikkonfermata bil-ġurament tagħha.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta Loreta Azzopardi li biha eċċepiet il-preskrizzjoni a bażi tal-artikoli 2140 u 2143 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuta ikkonfermata bil-ġurament tagħha.

Rat is-sentenza *in parte* tagħha tat-18 ta' Frar 2014 dwar il-kwistjoni ta' kif irid jigi stabilit il-valur tal-proprjeta' li l-atturi jippretendu li għandha tiġi kollazzjonata fil-wirt.

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' April 2017 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza *in parte* dwar l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-atturi u tal-konvenuta Loreta Azzopardi dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din is-sentenza parzjali tirrigwarda d-diversi eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenuta Loreta Azzopardi. L-ewwel

eċċezzjoni relattiva tirrigwarda l-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 1823 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jistipola li:

**"(1) L-azzjoni ghat-tnaqqis jew ghar-rivendikazzjoni, sew kontra d-donatarji kemm kontra t-terzi, taqa' bil-peskrizzjoni eghluq hames snin min dak in-nhar tal-ftuh tas-successjoni.**

**(2) Iz-zmien hawn fuq imsemmi jimxi wkoll kontra l-minuri u l-interdetti."**

Huwa ferm importanti li jiġi nnotat li dan l-artikolu jifforma parti mis-sub-titolu VI tat-Kap. 16 li jirrigwarda t-tnaqqsi ta' donazzjonijiet għall-fini ta' komputazzjoni tas-sehem riservat (dari leġittima) lill-ulied jew dixxendenti oħra. Fil-każ in eżami m'għandna l-ebda talba għal dan is-sehem riservat, imma pretensjoni da parti tal-atturi li għandha ssir kollazzjoni mill-konvenuta Loreta Azzopardi tal-art li kienet ġiet donata lilha mill-ġenituri tagħha, u dan għaliex qatt ma kienet saritilha xi eżenzjoni minn dan l-obbligu tal-kollazzjoni. Kif jispjega r-**Ricci** f'dan ir-rigward:

*"L'obbligo della collazione non consiste in altro se non nel rimettere nel patrimonio del de cujus i beni, che per effetto di una donazione ne erano usciti, allo scopo di tenere calcolo nella valutazione dell'asse ereditario e nella formazione delle quote da attribuirsi a ciascun coerede...*

*Avvertasi di non confondere l'obbligo di conferire la donazione, colla riduzione cui la medesima puo' andare soggetta. Imperocche', ove si chiegga di ridurre la donazione, i beni donati sono riuniti fittiziamente alla massa, allo scopo di constatare se la quota dovuta ai legittimari sia stata, oppur no, lesa per effetto della donazione, ed in caso affermativo di tanto va questa ridotta di quanto quella e' stata lesa. Al contrario, la collazione si fa, non mediante una riunione fittizia dei beni donate alla massa dividenda, ma in forza di una riunione reale, e non gia' allo scopo di salvare le ragioni dei legittimari, bensi' nell'altro di mantenere l'egualianza tra gli eredi istituiti."* [1]

Għalhekk, huwa evidenti li din l-eċċezzjoni ma tapplikax għall-każ in eżami.

Il-konvenuta Loreta Azzopardi teċċepixxi ukoll il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 845 tal-Kap. 16 li jgħid li:

**"(1) L-azzjoni biex jintalab wirt, legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni..."**

[1] Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile, Torino 1893, vol.IV, para.134, pag.208

Fil-kawża "Darmanin noe. vs Cordina et." (kollez. vol.XXIX, i.57) il-Qorti tal-Appell affermat il-prinċipju illi biex wieħed mill-koeredi jkun jista' jeċċepixxi din il-preskrizzjoni deċennali kontra l-koeredi l-oħra jeħtieġ ukoll illi hu jipposjedi l-assi kollha tal-wirt; u li ħadd mill-koeredi l-oħra ma jkun ipposjeda xi oġġetti formanti parti mill-wirt. Il-preskrivent irid għalhekk ikun ipposjeda l-eredita' tal-mejjet: l-eredita' meħuda fis-sens tal-liġi sew bħala rappreżentanza ġuridika kemm ukoll bħala '*patrimonio ereditario*' jew bħala '*jus universum*'. Dan għaliex mal-mewt tad-*decujus*, il-pussess jagħddi immedjatament u awtomatikament fis-suċċessuri tiegħu kollha.[2]

Il-kawża presenti tirrigwarda talba għad-diviżjoni ta' beni provenjenti mill-assi ereditarji tal-mejtin Lorenzo u Carmela konjuġi Xuereb u l-immissjoni fil-pussess ta' xi prelegati mħollijin lil uħud mill-kontendenti. Il-konvenuta Loreta Azzopardi mhix tippretendi u qatt ma pretendiet li kienet qed tipposjedi l-assi kollha appartenenti l-eredita' tal-ġenituri tagħha, imma biss dak li kien ġie mogħti lilha bħala dota. Anzi fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet oriġinali tagħha ma topponix għad-diviżjoni mitluba.[3] Għalhekk din l-eċċezzjoni lanqas ma hi applikabbli għall-każ in eżami.

L-istess konvenuta teċċepixxi wkoll il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2140 tal-Kap. 16 li fl-ewwel sub-inċiż tiegħu jipprovdi li:

"**(1) Kull min b'bona fidi u b'titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjeta', jipposjedi haga immobbli ghal zmien ta' ghaxar snin, jakkwista l-proprjeta' taghha**..."

Huwa minnu illi Loreta Azzopardi kellha l-pussess tal-art li fuqha bniet id-dar tagħha sa minn meta sar il-kuntratt ta' dota fil-31 ta' Awwissu 1965.[4] Jirriżulta pero', minn kliemha stess, li hija dejjem ipposediet din l-art bis-saħħa ta' dan il-kuntratt,[5] u qatt ma kien hemm xi introversjoni tal-pussess li jeħtieġ att pożittiv ta' opposizzjoni, li in forza tiegħu s-sid jitpoġġa fuq avviż li l-persuna l-oħra m'għadhiex tirrikonoxxi t-titolu tiegħu iżda minflok qegħda tippretendi illi dak li qabel kien tiegħu issa sar proprjeta' tagħha. Ġialadarba, għalhekk, id-donazzjoni li kienet saret b'dan il-kuntratt baqgħet dejjem soġġetta għall-kollazzjoni, u d-donatarja qatt ma ppretendiet li kienet qed tipposjedi b'xi titolu ieħor, għaż-żmien rikjest mil-liġi, ma jistax jingħad li d-dritt tal-koeredi l-oħra li jesiġu li ssir din il-kollazzjoni fl-okkazjoni tad-diviżjoni tal-assi ereditarji tal-ġenituri tagħhom ġie preskritt taħt dan l-artikolu tal-liġi.

---

[2] Ara wkoll is-sentenza *in parte* ta'din il-Qorti fil-kawza: "Emanuel Sultana vs George Sultana (27.03.1990)
[3] Ara l-ħames eċċezzjoni a fol. 46 tal-proċess
[4] Ara Dok. P anness maċ-Ċitazzjoni a fol. 15 – 22 tal-proċess
[5] Ara affidavit tagħha a fol. 300 – 301 tal-proċess

Fl-aħħar nett Loreta Azzopardi eċċepiet il-preskrizzjoni taħt l-atikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula li:

"**L-azzjonijiet kollha, reali, personali jew misti jaqghu bil-preskrizjzoni eghluq tletin sena, u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi**."

Għalkemm, kif rajna, Loreta Azzopardi kien ilha li ħadet il-pussess tal-art dotata lilha, kif soġġetta għall-kollazzjoni, sa mid-data tal-kuntratt tal-31 ta' Awwissu 1965, it-talba għad-diviżjoni tal-assi ta' Lorenzo Xuereb, u għalhekk anke għall-kollazzjoni ta' din l-art fil-massa ereditarja, setgħet issir biss mid-data tal-mewt tiegħu li seħħet fis-6 ta' Lulju 1987. Sa dakinhar il-preskrizzjoni kienet neċessarjament għadha sospiża. Għalhekk ma kienux għadhom għaddew it-tletin sena rikjesti mil-liġi għal din il-preskrizzjoni meta ġiet intavolata din il-kawża fis-6 ta' Settembru 1999.[6] Wisq inqas kien laħaq għadda l-istess żmien minn meta mietet Carmela Xuereb fid-19 ta' Frar 1999.[7]

Għaldaqstant tiddeċidi dwar dawn l-eċċezzjonijiet ta' Loreta Azzopardi billi tiċħadhom, bl-ispejjeż relattivi jkunu a karigu tagħha.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

08.06.2017 – Sup134.1999 – Buttigieg Eugenia pro et noe vs Xuereb Joseph et
2911

[6] Ara data tal-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni a fol.1 tal-proċess
[7] Ara kopji taċ-ċertifikati rispettivi tal-mewt, esebiti bħala dokti. A u B a fol. 7 u 8 tal-proċess